# ĠAWHAR TA' HREJJEF

## IL-WERŻIEQ U N-NEMLA

*Ta'* R. M. B.

Il-werżieq kien għadda s-sajf kollu jpappiha u jitmiegħex u ħsieb ta' xejn. Daqqa jidħol ġo għalqa tat-tadam igerrem, daqqa jferkex qalb xi ħammiela ħabaq u jħarbtilha l-weraq u t-tberkil, issa jiekol it-tin... għax kien żmien il-ġid. Dan bin-nhar; u bil-lejl erħilu għal frisk fuq xi ħarruba jħokk ġwenħajh ma' xulxin u jżerżer iżerżer mingħajr hedu. "Imbierek dak il-għażż", kien igħanni; u jagħli għax jisbaħ. Meta xi tfal ifettlilhom jinbxuh jew jitħajru jaqbduh, jitmattar imattira u jeħmed: bħalkieku jrid igħidilhom:

"Narak ma taranix
mit-tqajba tal-għarix."

u jgħaddi ż-żmien bihom: kif jitilquh għax jaqtgħu qalbhom, jarġa' jħokk ġwenħajh u erħilu jżerżer iżerżer! u għaddej ħajja ta' papa!

Meta mbagħad daħlet ix-xitwa għamel bih il-bard, il-ksieħ u l-ġuħ u matmura mkien, għajr xi werqa ta' ħassa.

— Bil-ħass trid tonsobni n-nies... iżda jien rasi mhix għall-mustaċċi biss!...

Għafsu l-ġuħ... qal: "X'nagħmel?..."

— Immur għand in-nemla... indabbar żewġ loqmiet......

In-nemla mara ta' darha, bieżla u għaqlija, dejjem tkarkar lejn id-dar u taħżen għax-xitwa, biex meta tfittex issib: rat il-werżieq ma' wiċċha: "ħsibtu", qalet: u laqgħetu fil-bieb, biex ma ttihx wiċċ.

— Nemla — qallha l-werżieq.

— X'hemm... x'dil-miġja!

Il-werżieq għamel wiċċ il-ħniena u qallha:

— Jaħasra ma għandekx ftit ikel, imqar kemm ingħaddi jumejn, għax ma niflaħx inżomm bil-bard u bil-ġuħ. Tibża' xejn... jiena nroddulek dak li tagħtini.

Weġbitu n-nemla:

— Jaħasra mhux għax ma ntikx; imma aħna nlitaqgħu gozz; m'aħniex ftit hawn ġo dal-gorboġ u kulħadd irid jiekol!... Mhux darba u tnejn, filli mgħammrin b'mitt ġid u filli nisfgħu b'idejna f'idejna; għax il-ħamla ssuqilna dak li nkunu ħżinna! Inti ma tafx x'igħidu n-nies fuqna n-nemel?... "Dak li tkun..."

— U, iva; dawn kewtieli — weġibha l-werżieq, qatgħelha kliemha.

— Għidli ħaġa: inti fis-sajf x'kont tagħmel?

— Indoqq u ngħanni.

— Mela iżfen issa, ħalli tisħon — qaltlu. — Għax int fis-sajf iddoqq u żżammar u jien inġorr u ntammar — u tebqet qajl qajl il-bieb f'wiċċu u daħlet ġewwa.

*Min jittiekel għal bormet ġaru jibqa' bil-ġuħ.*